MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 96/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentatat fis-6 ta’ Marzu 2008 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fil-25 ta’ Lulju 1998 fl-Ingilterra u dan skond ma jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-kontendenti li qed jiġi anness u mmarkat bħala Dokument A.

2. Illi l-partijiet kellhom żewġ ulied minn dan iż-żwieġ, D u E lil huma tewmin u li twieldu fl-10 ta' April 2000, u liema tfal għalhekk għadhom minorenni.

3. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'għandhiex aktar possibbli minħabba li l-intimata irrendiet ruħha ħatja lejn l-esponenti ta' adulterju, vjolenza, theddid, sevizzi, eċċessi u nġurji gravi, u raġunijiet oħrajn serji li skond il-liġi jagħtu lok għal separazzjoni personali, inkluż minħabba inkompatibbilta' ta' karattru.

4. Illi l-esponent talab u ottjena l-awtoriżżazzjoni meħtieġa sabiex jipproċedi f'dina l-istanza kontra martu għas-separazzjoni personali, skond ma jirriżulta mid-Dokument 'B' li qed jiġi anness.

5. Illi ma hemmx lok għal rikonċiljazzjoni u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenit konjuġi B minħabba li l-intimata rrendiet ruħha ħatja lejn żewġha l-esponent ta' adulterju, vjolenza, theddid, sevizzi, eċċessi u nġurji gravi, u raġunijiet oħrajn serji li skond il-liġi jagħtu lok għal separazzjoni personali, inkluż minħabba inkompatibbilta' ta' karattru.

2) Tafda lir-rikorrent bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri D u E, salv l-aċċess tal-intimata għall-istess ulied minuri jekk ikun il-każ u salv kull provvediment li għandu jingħata biex l-intimata ma taħrabx minn Malta bl-istess minuri.

3) Tillikwida l-manteniment pagabbli mill-intimata għall-bżonnijiet tal-ulied minuri.

4) Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lill-esponent għall-bżonnijiet tal-ulied minuri dik ir-retta

alimentarja hekk likwidata, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja, u ordni għall-ħlas dirett mis-salarju tal-intimata, li għandhom jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

5) Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimata l-effetti tad-dispożizzjoni tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

6) Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżisteni bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-istess b'mod li jiġu stabbilit porzjonijiet in diviżjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tiġi stabbilita data li minn dakinhar l-intimata titqies li ddekadiet minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tar-rikorrent, u tordna wkoll id-diviżjoni u assenjazzjoni ta' ġid ieħor komuni ta' bejn il-kontendenti, dana kollu okkorrent bl-opera ta' perit nominand.

7) Tassenja l-fond ġja' matrimonjali ___________________________ fl-intier tiegħu a favor ir-rikorrent, jew fin-nuqqas li din it-talba tiġi milqugħa, tawtorizza lir-rikorrent sabiex jabita *vita durante* ma' wliedu fl-imsemmi fond ad esklużjoni tal-intimata, u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-iskop.

8) F'kaz illi s-seba' talba tiġi miċħuda, tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni u bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji tal-fond tal-fond bi povvediment dwar kif ir-rikavat mill-bejgħ ta' dwar kif ir-rikjavat mill-bejgħ ta' dan il-fond għandu jinqasam bejn iż-żewġ partijiet *tenendo* kont tal-ħtijiet tal-intimata, u b'ordni biex il-konvenuta tivvaka mill-imsemmi fond fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, u tagħti kull provvediemnt ieħor xieraq u opportun għal dan l-iskop.

9) Tordna lill-intimata tirrestitwixxi lill-esponent il-beni u krediti parafernali tiegħu

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li qegħda tiġi minn issa nġunta għas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-16 ta' Mejju 2008, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti taqbel li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero' mhux għar-raġunijiet indikati mir-rikorrent iżda għaliex prinċipalment iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment għar-raġunijiet imputtabbli lir-rikorrent fosthom vjolenza psikoliġika, eċċessi, moħqrija u servizzi, kif ser jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u li dwarhom l-esponenti qed jiddeduċi talbiet opportuni f'kontro-talba hawn annessa;

2. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent sabiex huwa jiġi fdat bil-kura u kustodja taż-żewġ ulied minuri *stante* li huwa fl-aħjar interess ta' l-ulied minuri illi l-kura u l-kustodja tagħhom tiġi fdata f'idejn l-intimata, kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża, u r-rikorrent jiġi mogħti aċċess għal uliedu f'dawk il-ġranet u ħinijiet li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-tielet talba inkwantu tirrigwarda l-manteniment pagabbli mill-intimata, u fl-eventwalita' illi din l-Onorabbli Qorti togħġobha takkorda lill-intimata l-kura u kustodja taż-żewġ ulied minuri, ir-rikorrent għandu jiġi ordnat iħallas lill-intimata manteniment għall-istess minuri;

4. Illi din l-Onorabbali Qorti għandha ukoll tiċħad ir-raba' talba tar-rikorrent, fl-eventwalita' illi din l-Onorabbli togħġobha takkordna lill-intimata l-kura u kustodja taż-żewġ ulied minrui, u għalhekk, din l-Onorabbli Qorti għandha tistabbilixxi u tiffissa dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament favur l-esponenti nkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex ir-rikorrent jagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja, u ssir ordni għall-ħlas tal-istess retta alimentarja;

5. Illi m'għandhomx jiġu applikati kontra l-intimata, la *in toto* u lanqas *in parte* l-effetti tad-

dispożizzjoni tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, *stante* li t-tkissir taż-żwieġ tal-kontendenti mhux attribwibbli lilha imma lir-rikorrent għar-raġunijiet preċedentement indikati u għalhekk il-ħames talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

6. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara li tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-istess b’mod li jiġu stabbiliti porzjonijiet u assejnati lill-partijiet u, billi tiġi stabbilita data li minn dakinhar ir-rikorrent jitqies li ddekada minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tal-intimata, u tordna wkoll id-diviżjoni u assenjazzjoni ta’ ġid ieħor komuni ta’ bejn il-kontendenti, danakollu okkorrendo bl-opera ta’ perit nominand;

7. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad is-seba’ talba u tassenja l-fond matrimonjali *ossia* ______________________________, fl-intier tiegħu a favur l-intiamta, jew, fin-nuqqas li din it-talba tiġi milqugħa tawtorizża lill-intimata sabiex tabita *vita durante* ma’ wliedha fl-imsemmi fond ad esklużjoni tar-rikorrent, u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-iskop;

8. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-tmien talba *in toto*, u dan peress li l-intimata qegħda tgħix f’din id-dar ma’ tliet uliedha u dan peress li hija ma kienetx responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ tal-kontendenti;

9. Illi l-intimata ma topponiex illi tirrestitwixxi lill-esponenti xi beni li jistgħu jkunu parafernali fil-fond matrimonjali, iżda rigward krediti, huwa r-rikorrent li għandu jirrestitwixxi krediti favurha, hekk kif se jiġi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Jannar 2011 li permezz tiegħu l-partijiet qablu li tiġi terminata b’effett immedjat il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan bla ebda preġudizzju għall-pożizzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-kumplament tal-mertu tal-kawża;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta msemmija l-kawża tħalliet għas-sentenza parzjali fuq it-talba msemmija;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja’ ngħad il-partijiet qed jaqblu illi b’effett immedjat tiġi milqugħa t-talba attriċi fir-rigward tat-terminazzjoni immedjata tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet;

**Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara mitmuma b’effett mil-lum il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.**

**L-ispejjeż ta’ dan l-inċident jibqa’ riservat għal meta jingħata ġudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------